MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1130/2009

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Vincent u Mary mizzewgin Borg**
**(ID numri 180655 (M) 358358(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-bank attur fit-18 ta' Novembru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 13 ta' Marzu 2003 in atti Nutar Marco Farrugia (Dok. 'A') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Vincent u Mary mizzewgin Borg;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Vincent u Mary mizzewgin Borg fis-somma ta' tletin elf, disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€30,982.37) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Vincent u Mary mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B5") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-20 ta' Ottubru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Vincent u Mary mizzewgin Borg;

(a) naqqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u / jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Vincent u Mary mizzewgin Borg li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti Vincent u Mary mizzewgin Borg gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fit-22 ta' Lulju 2009 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Talab wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il- provedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tilqa t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Vincent u Mary mizzewgin Borg (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Vincent u Mary mizzewgin Borg li

jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;
2. Tikkundanna lil Vincent u Mary mizzewgin Borg jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tletin elf, disa’ mija u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€30,982.37) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Vincent u Mary mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B5”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Ottubru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komplizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata fit-22 ta’ Lulju 2009 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda ta’ l-Bank attur;

Rat in-nota tal-konvenuti tat-3 ta’ Dicembru, 2009 li permezz taghha il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat;

Rat l-atti kollha;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors guramentat u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti Vincent u Mary mizzewgin Borg sabiex ihallsu lil Bank attur s-somma ta' tletin elf, disa’ mija u tnejn u tmenin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€30,982.37) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Vincent u Mary mizzewgin Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B5”) flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-20 ta’ Ottubru 2009 sad-data ta’ l-effettiv pagament; Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------